MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 1845/2004/1

**Montaldo Insurance Agency Ltd bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Albert Chetcuti u l-istess Albert Chetcuti**

**vs**

**Joseph Bugeja**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Frar, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz ta' l-atturi fejn talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, seba' mija u wiehed u tmenin Euro u tlieta u tmenin Euro cents

(€1,781.83) - (Lm764.94c) dovuti in kwantu ghas-somma ta’ elf, seba’ mija u tmienja u erbghin Euro u hames Euro cents (€1,748.05) – (Lm750.44c) bhala danni kkagunati fil-vettura ta’ l-attur Albert Chetcuti, sitta u ghoxrin Euro u disgha u sebghin Euro cents (€26.79) – (Lm11.50c) prezz ta’survey, sitt Euros u disgha u disghin Euro cents (€6.99) – (Lm3) prezz ta’ rapport tal-Pulizija u dan b’rizultat ta’ l-incident stradali li sehh fis- 7 t’Ottubru, 2002 gewwa Telghat Rahal Gdid, Paola, waqt li l-istess konvenut kien qed isuq il-vettura GVN 352, proprjeta’ tal-Gvern ta’ Malta u dahal gol-vettura ta’ l-attur Chetcuti bin-numru ta’ registrazzjoni ADR 786 misjuqa mill-istess Adrian Chetcuti, ghal liema ncident kien unikament responsabbli l-konvenut Joseph Bugeja kawza ta’ mprudenza, negligenza u  non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-Risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talba ta’ l-atturi hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Inoltre illi fi kwalunkwe kaz, il-pretensjoni vantata mill-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident sehh unikament tort ta’ l-attur.

Ra l-Kontro-Talba tal-konvenut li kkontesta t-talba ta’ l-attur stante illi l-incident sehh unikament tort ta’ l-attur.

Ra r-Risposta ta’ l-atturi ghall-Kontro-Talba tal-konvenut fejn eccepew illi:

1. Fl-ewwel lok il-Kontro-Talba tal-konvenut rikonvenzjonant ghandha tigi sfilzata stante illi ma saritx kontra l-legittimu kontradittur in vista tal-fatt li fil-Kontro-Talba ma tezisti l-ebda relazzjoni

guridika bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut rikonvenzjonant.
2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16.
3. Illi, inoltre, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jirrespingu l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-konvenut rikonvenzjonant, u kontenuti fil-Kontro-Talba tieghu ghall-Avviz tat-Talba fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar maghmula minnhom, bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident in kwistjoni kien unikament responsabbli l-istess konvenut rikonvenzjonant u cjoe' s-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GVN 352, ossia Joseph Bugeja, kawza ta' mprudenza, mperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez u bl-imghax.

Ra s-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal datata 14 ta' Lulju, 2005, fejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, giet michuda u ordna l-prosegwiment tal-kawza.

Ra x-xhieda ta' PC 1257 Conrad Ellul li spjega li kien imsejjah fuq incident li sehh fis-7 t'Ottubru, 2002 mar-roundabout ta' Sare', f'Rahal Gdid. Kien nizzel id-dettalji fir-rapport tieghu u jghid li kien irrizultalu li l-vettura li ggib in-numru ta' registrazzjoni ADR 786 cjoe' dik misjuqa mill-attur Chetcuti, kienet qed iddur ir-roundabout lejn l-MCAST u l-vettura GVN 352 kienet qed iddur mar-roundabout biex tmur fid-direzzjoni tal-Habs Civili.

Jghid li wkoll fil-vettura tal-Gvern misjuqa mill-konvenut kien hemm ukoll passiggier.

Ra x-xhieda ta' David Debono li huwa Claims Manager mas-socjeta' attrici. Huwa jikkonferma li

l-vettura ADR 786, hija assigurata mas-socjeta' attrici b'polza *comprehensive*. Jikkonferma wkoll li l-assigurat taghhom kien hallas *excess* ta' mitejn u wiehed u disghin Euro u sbatax-il Euro cents (€291.17) - (Lm125).

Ra x-xhieda ta' Adrian Chetcuti li jispjega li dakinhar ta' l-incident kien qed isuq il-vettura ADR 786 ghaddej fid-direzzjoni tax-*shipbuilding*. Jghid li kien qed isuq fuq il-karreggjata ta' barra u kien qabad ir-roundabout sabiex jaqbad it-triq ta' l-MCAST.

Kien hemm karozzi quddiemu u warajh, kif ukoll fil-karreggjata ta' gewwa. Jispjega li meta avvicina r-roundabout ma kienx hemm vetturi, izda meta wasal ghan-nofs ir-roundabout, kien ra vann Transit idur ghal fuqu. Din il-vettura kienet giet min-naha tax-xellug tieghu. Peress li t-tnejn riedu jduru mar-roundabout u peress li x-xhud ipprova jiskapah, l-incident kien inevitabbli.

Bhala hsara kkonferma li kien hemm hsara fil-*mudguard*, *bumper*, fanal u daqqa mal-*bumper* fuq quddiem fuq il-lemin tieghu.

Jikkonferma li hu kien waqaf fil-pozizzjoni li hemm indikata fl-iskizz.

Jghid ukoll li hu kien hallas mitejn u wiehed u disghin Euro u sbatax-il Euro cents (€291.17) - (Lm125) bhala *excess*.

Jghid li kien ghaddej b'velocita' ta' 40 kilometru fis-siegha. Kien ghaddej fil-karreggjata tal-lemin u baqa' sejjer dritt ghaliex ma kienx hemm vetturi ghaddejjin. Sar l-impatt u dak il-hin ma waqafx immedjatament, izda waqaf fil-pozizzjoni li hemm indikat fl-iskizz.

Jikkonferma li kien ghamel *overtaking* sabiex jibqa' tiela' dritt u f'dak il-hin sab il-vettura tal-

konvenut. Jghid li l-vettura tal-konvenut dejjem kienet fuq ix-xellug tieghu u meta waslu mar-roundabout kien qisu ghan-nofs il-vettura tal-konvenut u pprova jisslowja sabiex il-konvenut jghaddih minn wara

Jghid li kien hemm hsara fuq il-parti ta' quddiem tal-vettura fuq ix-xellug.

Ra x-xhieda ta' Joseph Bugeja li jispjega li dakinhar li sehh incident hu kien qed idur mar-roundabout fid-direzzjoni tar-Rahal Gdid u sa dak il-hin ma kienx hemm vetturi ohra. Waqt li kien qed idur ma kienx ra l-vettura tal-konvenut sakemm sehh l-impatt. Meta nizel l-attur kien qallu li kien tort tieghu.

Il-konvenut jispjega li hu dejjem baqa' fil-karreggjata tal-lemin sakemm ried jitla' fid-direzzjoni tal-Habs. Biex dar mar-roundabout kellu l-*indicator* mixghul. Jghid ukoll li hu kien hares mill-mera sabiex jara jekk kienux gejjin vetturi, izda ma kienx rah minkejja li l-mera taghti vizwali ta' mitt metru.

Peress li l-vettura tieghu kienet wahda gholja jista' jaghti l-kaz li ma kienx ra l-attur

Ix-xhud jghid li ma jaqbilx mal-pozizzjoni tal-vetturi, kif kien hemm fl-iskizz. Skond hu, l-vettura ta' l-attur kellha tkun fin-nofs ta' bejn iz-zewg arkati li kien hemm impingija fl-iskizz, filwaqt li l-vettura tieghu kellha tkun f'pozizzjoni li qed idur mar-roundabout.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Illi qabel xejn it-Tribunal ser jikkunsidra l-eccezzjonijiet preliminari ta' l-attur ghall-Kontro-Talba tal-konvenut.

L-ewwel eccezzjoni tirrigwarda jekk l-atturi humiex legittimi kontradittur jew le. Bhala Risposta ghall-Kontro-Talba, l-atturi jsostnu li l-konvenut m'ghandux relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici.

Is-socjeta' attrici ezercitat l-azzjoni odjerna per konsegwenza tal-fatt li giet surrogata fid-drittijiet ta' l-attur Albert Chetcuti, li kien assigurat ma' l-istess socjeta' attrici.

Ghalhekk jekk l-incident sehh bejn il-konvenut u l-attur, in-nexus guridiku kien hemm, meta l-attur kellu polza ta' assigurazzjoni mas-socjeta' attrici li kienet tkoprih ghall-incidenti bhal din, mertu tal-vertenza odjerna.

Ghaldaqstant, din l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michuda.

It-tieni eccezzjoni hija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili cjoe' preskrizzjoni ta' sentejn.

L-incident bejn il-partijiet sehh fis-7 t'Ottubru, 2002 u l-konvenut irrisponda ghall-kawza fis-27 t'Ottubru, 2004. Sa dan iz-zmien, it-Tribunal jinnota li l-konvenut ma fetah l-ebda kawza kontra l-attur Albert Chetcuti u kien biss li approfitta ruhu mic-cirkostanzi ta' l-Avviz odjern u pprezenta l-Kontro-Talba tieghu, li l-attur kien unikament responsabbli ghall-incident li sehh. Qabel din id-data qatt m'interpella lil hadd ghal hlas tad-danni minnu sofferti.

Din l-azzjoni per se tigi preskritta ma' l-eghluq ta' sentejn u ghaldaqstant, it-Tribunal ihoss li l-konvenut, minkejja li kellu kull dritt jirrispondi ghall-azzjoni attrici, ghall-kuntrarju, t-termini fil-ligi ma jintitolawhx li jipprevalixxi ruhu u jaghmel Kontro-Talba fuq il-mertu stante li kien gja' skada il-perjodu preskrittiv.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jilqa’ t-tieni eccezzjoni ta’ l-atturi ghall-Kontro-Talba tal-konvenut, filwaqt li jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet l-ohra ta’ l-atturi in kwantu jirrigwarda l-Kontro-Talba.

Ghalhekk, it-Tribunal ser jillimita d-decizjoni tieghu fuq it-talba attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut fuq il-mertu u cjoe’ min kien unikament responsabbli ghall-incident li sehh bejn il-partijiet.

Mill-provi jirrizulta li kemm l-attur Chetcuti, kif ukoll il-konvenut kienu qed jaqbdu iduru mar-roundabout ta’ Sare’, f’direzzjonijiet differenti. L-attur ried imur lejn l-MCAST, filwaqt li l-konvenut ried jitla’ fi Triq Kordin.

Fattur importanti huwa li l-vettura tal-konvenut kienet ambulanza u allura ta’ dimensjoni akbar minn ta’ l-attur. L-istess konvenut jispjega li jista’ jaghti l-kaz li ma rax il-vettura ta’ l-attur waqt li kien qed idur mar-roundabout. L-attur da parti tieghu jispjega li hu kien dar mar-roundabout u kien qed jipprepara biex jibqa’ ghaddej bid-dritt.

L-attur xehed ukoll li meta ntebah bil-konvenut beda miexi aktar bil-mod sabiex il-konvenut ikun jista’ jghaddi minn warajh, probabbilment minhabba li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet ambulanza, izda l-impatt kien inevitabbli. L-attur huwa aktar kredibbli fil-verzjoni tieghu ghaliex jixhed b’certezza l-mument li ntebah bil-konvenut, x’ghamel biex jevita l-incident, filwaqt li l-konvenut m’huwiex daqstant car fix-xhieda tieghu u lanqas huwa cert li ra l-attur.

Dan per se diga’ jindika fuq bazi ta’ probabbilta’ li l-konvenut kien ghaddej biex jidhol fil-karreggjata tieghu mar-roundabout meta minhabba nuqqas ta’ *proper lookout* sab il-vettura ta’ l-attur ma’ wiccu u ma setax jevitah.

Jirrizulta li kien hemm xhud okulari li kien fil-vettura tal-konvenut, pero' l-istess konvenut naqas li jgibu bhala xhud sabiex jikkorrobora l-verzjoni tieghu.

Lanqas mal-konvenut ma jaqbel mal-pozizzjoni tal-vetturi fl-iskizz, izda ma jidhirx li kien hemm kontestazzjoni u lanqas is-Surgent stess li hejja r-rapport u l-iskizz ma kkumenta li l-iskizz ma kienx jaghti ndikazzjoni cari ta' l-incident u oltra minn hekk lanqas il-konvenut ma rnexxielu jissostanzja din l-allegazzjoni. Ghalhekk, it-Tribunal ma jhossx li l-konvenut irnexxielu jipprova b'mod sodisfacenti li kien l-attur li kien responsabbli ghall-incident li sehh bejniethom minhabba xi negligenza, imprudenza jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Jibqa' ghalhekk biex jigi kkunsidrat il-quantum tad-danni. Filwaqt li l-atturi ghamlu prova sufficjenti tad-danni, l-konvenut ma gab l-ebda prova in kontestazzjoni tad-danni li soffra l-attur fil-*mudguard*, *bumper*, fanal u daqqa mal-*bumper* fuq quddiem fuq il-lemin tieghu.

Ghalhekk, it-Tribunal iqis id-dokumenti esebiti mill-atturi bhala konferma tad-danni li soffra l-assigurat Albert Chetcuti, li flimkien jammontaw ghal total ta' elf, seba' mija u wiehed u tmenin Euro u tlieta u tmenin Euro cents (€1,781.83) - (Lm764.94c), konsistenti elf, seba' mija u tmienja u erbghin Euro u hames Euro cents (€1,748.05) – (Lm750.44c) bhala danni kkagunati fil-vettura ta' l-attur Albert Chetcuti, sitta u ghoxrin Euro u disgha u sebghin Euro cents (€26.79) – (Lm11.50c) prezz ta'survey, sitt Euros u disgha u disghin Euro cents (€6.99) – (Lm3) prezz ta' rapport tal-Pulizija. It-Tribunal qed jassumi li l-*excess* imhallas mill-konvenut huwa nkluz fis-sorte mitlub.

> Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jilqa' t-talbiet attrici u jordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici u lill-attur Chetcuti s-somma ta' elf, seba' mija u wiehed u tmenin Euro u tlieta u tmenin Euro cents (€1,781.83) - (Lm764.94c) kif mitlub.
>
> Bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax mis-7 t'Ottubru, 2002 ghall-konvenut."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza biex jitlob ir-revoka tad-deklaratorja tat-Tribunal li sabu unikament hati tal-kollizjoni u tad-danni konsegwenzjali. L-ilment principali tieghu hu dak li s-sentenza hi bazata fuq apprezzament zbaljat tal-provi u, ukoll, fuq applikazzjoni errata tal-ligi;

Kif inhu mistenni f'materja ta' kollizjonijiet, u fejn il-provi jkunu limitati ghax-xhieda testimonjali tal-konducenti infushom, kull wiehed minnhom jipprovdi rakkont ta' l-antecedenti fis-sewqan li jkunu wasslu ghall-iskontru mill-ottika soggettiva tieghu. Addizzjonalment, akkoppjata minn certi percezzjonijiet dwar il-kondotta fis-sewqan tal-parti avversa fil-kontestazzjoni. Dmir tal-gudikant huwa dak li, oggettivament, fuq il-bazi tal-provi attendibbli jirrikostruwixxi d-dinamika ta' l-incident;

Hemm bzonn, allura, li jigu determinati l-fatti li taw lok ghall-habta biex minnhom tigi accertata r-responsabilita` ta' min, fost iz-zewg sewwieqa, ikun gab fis-sehh dik il-habta, jew, jekk inhu l-kaz, il-grad ta' htija ta' kull wiehed minhom:-

(1) Il-konvenut, sewwieq ta' van ghall-garr ta' pazjenti, kien, qabel l-iskontru, qed isuq fil-karreggjata tax-xellug fid-direzzjoni li mit-telgha hdejn il-Malta Shipbuilding taghti ghal Rahal Gdid;

(2) L-istess konvenut jghid li qabel ma avvicina r-*roundabout* ta’ hdejn Sare` xeghel l-*indicator* biex jaghti sinjal li ried imur Rahal Gdid. Huwa jghid li meta gie biex idur mar-*roundabout*, dejjem fuq il-karreggjata tax-xellug, sehh l-impatt. Ara Affidavit tieghu a fol. 62. Skond ma ddikjara lil Pulizija li investiga l-incident, kien is-sewwieq l-iehor li dahal fih. Ara Police Accident Report, fol. 38;

(3) Dejjem skond il-konvenut huwa nduna bil-vettura tas-sewwieq l-iehor ma’ l-impatt (ara xhieda tieghu in kontro-ezami a fol. 69) anke ghaliex qabel dan l-event, u ghalkemm hares fuq il-lemin tieghu, anke bl-ghajuna tal-mirja tal-vettura misjuqa minnu, huwa ma nnota ebda karozzi;

(4) Fil-versjoni tieghu l-konducenti Adrian Chetcuti, jghid li hu kien qed isuq fil-karreggjata tal-lemin b’40 kilometru fis-siegha u ried imur fid-direzzjoni li taghti ghal hdejn l-MCAST. Huwa jistqarr li kien osserva l-van tal-konvenut ma’ genbu pero` aktar ‘il fuq minnu. Jaccetta wkoll illi hu ttanta jaghmel *overtaking* sabiex jibqa’ tiela dritt u kien f’dan il-waqt li sab quddiemu l-vettura tal-konvenut. Ara deposizzjoni tieghu in kontro-ezami a fol. 70. Ta’ min jirrileva illi fix-xhieda principali tieghu a fol. 58 dan l-istess sewwieq jiddikjara illi hu kien qabez nofs ir-*roundabout* meta ra l-van idur fuqu u, ghalkemm ipprova jiskapulah, xorta wahda sehhet il-habta;

Premessi dawn il-fatti, ir-ricerka li trid issir tinvolvi l-investigazzjoni u l-accertament tal-kawza prossima li tkun tat lok ghall-iskontru, u jekk din ghandhiex tkun attribwita b’mod esklussiv lil kondotta fis-sewqan ta’ wiehed biss miz-zewg konducenti jew lit-tnejn flimkien. Naturalment, u imprexxindibilment minn kull valutazzjoni tal-provi, hu sew maghruf li jinkombi indistintament fuq kull sewwieq li fil-kondotta tas-sewqan tieghu huwa ghandu jkun dejjem iggwidat mir-regolamenti li jghoddu u mir-regoli tal-prudenza komuni u tal-bon sens. Senjatament, dik tal-“*proper look out*” ghal dak kollu li jkun qed jigri madwaru fil-lokalita` partikolari;

Il-fatti esposti juru li l-konvenut appellant wara li intercetta r-*roundabout* u qabizha htieglu jaqsam l-linja tat-traffiku fuq il-lemin tieghu biex jibqa’ sejjer fid-direzzjoni li taghti ghat-telgha ta’ hdejn il-Habs ta’ Kordin. Manuvra bhal din kienet timponi fuqu li mhux biss jaghti sinjal tempestiv imma wkoll li jassikura bl-akbar cirkospezzjoni li ebda vettura ma tkun riesqa lejh fuq il-lemin tieghu u li, allura, hu seta’ jitraversa bla xkiel. Dan qed jigi sottolinejat in kwantu, kif pacifikament akkolt, “min johrog l-*indicator* ikun qieghed jaghti, kif hu obbligat, avviz lit-traffiku ta’ warajh u ta’ quddiemu; imma, imbaghad, ma jistax ghaliex sempliciment hareg l-*indicator*, jaghmel li jrid, jikser il-prijorita` li jaghtu r-regolamenti u jaqleb ir-*rule of the road* favur tieghu” (“**Il-Pulizija -vs- Joseph Bartolo**”, Appell Kriminali, 26 ta’ Gunju, 1954);

Il-konvenut jikkontendi li hu hares biex jara jekk kienux gejjin vetturi ohra. Dan ghal Qorti jfisser zewg affarijiet. Fl-ewwel lok jindika li l-konvenut innifsu kien konsapevoli illi hu kellu juza diligenza partikulari biex ma jostakolax it-triq ghat-traffiku ta’ warajh u ma jikkreja ebda emergenza. Fit-tieni lok, jekk tassew hares, allura ma haresx sew ghax l-ebda vettura ma taqa’ mis-sema u, kieku kien attent u okulat kien jintebah bil-presenza tas-sewweiq l-iehor gej minn fuq il-lemin tieghu. Mhix skuzanti l-fatt li l-vettura misjuqa minnu kienet gholja u li hu ma setax jara karozza baxxa bil-mirja ta’ l-istess vettura. Dan, anzi, fil-fehma tal-Qorti, jimmilita kontra tieghu ghax, allura, dik il-qaghda kellha aktar tobbligah juza l-prudenza massima qabel ma jaghmel manuvra hekk delikata ta’ traversament. La naqas minn dan id-dover huwa ghandu jitqies li kkontribwixxa ghall-incident li sehh;

Stabbilit dan, din il-Qorti mhix, imbaghad, ghal kollox konvinta mill-valutazzjoni ta’ l-assjem tal-provi, illi l-konvenut appellant kellu jkun dikjarat fi htija ghal kollizjoni fl-intier taghha. Hi, anzi, tal-hsieb illi s-sewwieq l-iehor Adrian Chetcuti hu wkoll ma zammx *a careful look out:*

(1) Huwa ammess minn dan id-*driver* illi hu kien fi hsieb jaghmel *overtaking*. Evidentement, dan il-gudizzju tieghu kien wiehed zbaljat. Is-sinjal bl-*indicator* mill-vettura tal-konvenut kellha tallertah illi dan kien ser jikser fuq il-lemin u kien ghalhekk suggeribbli li hu jirrallenta u anke jcedi l-pass lil dik il-vettura;

(2) Jinzel minn dan illi dan is-sewwieq ikkalkola b'mod hazin dik il-manuvra tieghu ta' sorpass fil-mument li l-vettura tal-konvenut kienet qeghda ddur fuq il-lemin. Dan, fih innifsu, hu indikattiv ta' sewqan traskurat ghax hu kien jaf, anke permezz ta' senjalazzjoni sufficjenti, li ta' quddiemu kien ser jikser lejh;

(3) Fic-cirkustanzi l-Qorti ma tistax taccetta l-argument propost mill-appellati fir-risposta ta' l-appell taghhom illi l-manuvra ta' l-*overtaking* kellha titqies bhala cirkustanza ta' ebda rilevanza ghaliex il-kawza primarja tal-kollizjoni kienet dovuta ghall-imprudenza tal-konvenut. Dan qed jinghad ghar-raguni illi kieku verament l-attur Chetcuti kien hu wkoll attent hu seta' jevita, anke jekk mhux forsi ghal kollox, l-effetti tal-manuvra inizzjalment zbaljata tal-konvenut;

(4) Anke jekk fi grad anqas minn dak tal-konvenut l-imsemmi attur ma jistax jeskulpa ruhu minn negligenza kontributorja;

Maghmula dawn ir-riflessjonijiet kollha l-Qorti hi tal-fehma li ghall-iskontru jahtu sew il-konvenut kif ukoll l-attur Chetcuti. Dan, pero`, fil-proporzjon ta' zewg terzi (2/3) mill-konvenut u terz (1/3) mill-attur imsemmi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tvarja s-sentenza appellata fis-sens li ssib lill-konvenut appellant responsabbli kwantu ghal zewg terzi (2/3) ta' l-incident. Konsegwentement, tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi appellati in linea ta' danni s-somma ta' elf mija sebgha u tmenin euro, tmienja u tmenin centezmu (€1187.88) u l-interessi fuq din is-somma mid-data tan-

notifika ta’ l-Avviz (16 ta’ Ottubru, 2004). L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenut appellanti u terz (1/3) mill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------